# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR. MICHAEL MALLIA, LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 21 ta' Jannar, 2002**

**Numru**

**Avviz numru: 972/01mm**

**Lombard Bank Malta p.l.c.**

**vs**

**Balsons Autoparts Company Limited**

**bhala debitur principali u**

**Anthony u Maria Dolores konjugi Balzan**

**bhala garanti solidali**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuti in solidum ghall-hlas tas-somma ta' tlett elef, mija u tnejn u sebghin lira Maltin u erbghin centezmu (Lm3172.40) rapprezentanti bilanc ghad-debitu fil-facilita ta' "overdraft" li ghandha s-socjeta' konvenuta ma' l-istess Bank attur, bl-interessi kkalkolati sal-20 ta' Novembru, 2001, skond statement anness u mmarkat Dok "A" oltre l-imghaxijejiet ulterjuri mill-21 ta' Novembru, 2001, sad-data tal-pagament effettiv, liema facilita giet moghtija lid-direttur principali bis-sahha ta' kuntratt ippubblikat minn Nutar Clyde La Rosa datat 22 ta' Awissu, 1994, li kopja legali tieghu hija annessa u mmarkata Dok "B" u permezzs ta' liema kuntratt, kif ukoll garanzija datata 2 ta' Frar, 1990, li l-originali taghha hija annessa u mmarkata Dok "C", il-konvenuti konjugi Balzan kienu ggarantew in solidum mad-debitur principali Balsons Autoparts Company Limited il-hlas lura ta' l-imsemmija facilita. Dan stanti li l-fatt li ghalkemm interpellati sabiex ihallsu l-ammont fuq imsemmi anke ufficjalment, il-konvenuti baqghu inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez kollha inkluz VAT fuq id-drittijiet professjonali, kif ukoll dawk ta' l-ittra ufficjali li ggib id-data tal-15 ta' Dicembru, 2000, u bl-imghaxijiet legali mill-21 ta' Novembru, 2001, sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota tal-konvenuti li biha ammettew it-talba attrici.

Fuq l-iskorta ta' din l-ammissjoni tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenuti in solidum.

Anthony Zammit

Deputat Registratur